



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' April 2024
(OR. en)

9493/24
ADD 5

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0101(NLE)

AELE 32
MI 467
AND 5
SM 5

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	26 ta' April 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 189 final - Annex (Part5/14)
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino rispettivament

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 189 final - Annex (Part5/14).

Mehmuż: COM(2024) 189 final - Annex (Part5/14)



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.4.2024
COM(2024) 189 final

ANNEX – PART 5/14

ANNEX

tal-

Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni
bejn l-Unjoni Ewropea u l-Prinċipat ta' Andorra u r-Repubblika ta' San Marino
rispettivament**

RESPONSABILITÀ GĦALL-PRODOTTI

Lista prevista fl-Artikolu 13 tal-Ftehim Qafas

INTRODUZZJONI

Meta l-atti legali msemija f'dan l-Anness ikun fihom kunċetti jew jirreferu għal proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-UE, bħal:

- premessi;
- id-destinatarji tal-atti legali tal-UE;
- referenzi għal territorji jew lingwi tal-UE;
- referenzi għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE, l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom relatati ma' xulxin; u
- referenzi għal informazzjoni u proċeduri ta' notifika;

il-Protokoll Qafas 1 dwar l-adattamenti orizzontali għandu japplika, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness.

ATTI MSEMBLIJA

1. 31985 L 0374: Id-Direttiva tal-Kunsill 85/374/KEE tal-25 ta' Lulju 1985 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri dwar responsabbiltà għall-prodotti difettużi (ĠU L 210, 7.8.1985, p. 29), kif emendata bi:
 - 31999 L 0034: Id-Direttiva 1999/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 1999 (ĠU L 141, 4.6.1999, p. 20).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) fir-rigward tar-responsabbiltà tal-importatur prevista fl-Artikolu 3(2), għandu japplika dan li ġej:
 - (i) mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-produttur kull persuna li timporta f'Andorra prodott għall-bejgħ, kiri, jew kull forma oħra ta' distribuzzjoni fil-kors tan-negozju tagħha għandha tkun responsabbli bħala produttur;
 - (ii) mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-produttur l-istess japplika fir-rigward tal-importazzjonijiet minn Andorra lejn l-UE jew mill-UE lejn Andorra.

Mid-data tad-dħul fis-seħħ għal kwalunkwe Stat Membru tal-UE jew Andorra tal-Konvenzjoni ta' Lugano dwar il-ġuriżdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali tas-16 ta' Settembru 1988,¹ l-ewwel sentenza ta' dan is-subparagrafu ma għandhiex tibqa' tapplika bejn dawk l-Istati li jkunu rratifikaw il-Konvenzjoni sa fejn sentenza nazzjonali favur il-persuna li tkun saritilha l-ħsara tkun, bil-fatt ta' dawk ir-ratifiki, infurzabbli kontra l-produttur jew l-importatur fis-sens tal-punt (i).

- (b) fir-rigward tal-Artikolu 14 għandu japplika dan li ġej:

id-Direttiva ma għandhiex tapplika għall-korriment jew ħsara li tirriżulta minn diżgrazzji nukleari u li jaqgħu taħt konvenzjoni internazzjonali rratifikata minn Andorra u l-Istati Membri tal-UE.

¹ Il-Konvenzjoni dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU L 339, 21.12.2007, p. 3).

ENERĠĠJA

Lista prevista fl-Artikolu 13(d) tal-Ftehim Qafas

WERREJ

1	Ġenerali	2
2	Żejt.....	19
3	Gass	22
4	Elettriku	27
5	Enerġija rinnovabbli	34
6	Effiċjenza enerġetika – ġenerali	41
7	Tikkettar enerġetiku ta' apparat domestiku	43
8	Effiċjenza enerġetika fil-bini	50
9	Tajers	53
10	Ekodisinn ta' prodotti li jużaw l-enerġija	54

INTRODUZZJONI

Meta l-atti legali msemmija f'dan l-Anness ikun fihom kunċetti jew jirreferu għal proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-UE, bħal:

- premessi;

- id-destinatarji tal-atti legali tal-UE;
- referenzi għal territorji jew lingwi tal-UE;
- referenzi għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE, l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom fir-rigward ta' xulxin; u
- referenzi għal informazzjoni u proċeduri ta' notifika;

il-Protokoll Qafas 1 dwar l-adattamenti orizzontali għandu japplika, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness.

ATTI MSEMMIJA

KAPITOLU 1

ĠENERALI

1. 31994 L 0022: Id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, esplorazzjoni u produzzjoni ta' idrokarburi (ĠU L 164, 30.6.1994, p. 3), kif emendata bi:
 - 32018 R 1999: Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tagħti awtorizzazzjonijiet għall-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi fit-territorju tagħha.

2. 32011 R 1227: Ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-integrità u t-trasparenza tas-swieq tal-enerġija bl-ingrossa (ĠU L 326, 8.12.2011, p. 1).
3. 32013 L 0030: Id-Direttiva 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-operazzjonijiet taż-żejt u tal-gass offshore u li temenda d-Direttiva 2004/35/KE (ĠU L 178, 28.6.2013, p. 66), kif emendata bi:
 - 32018 R 1999: Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).
4. 32016 R 1952: Ir-Regolament (UE) 2016/1952 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2008/92/KE (ĠU L 311, 17.11.2016, p. 1).
5. 32017 D 0684: Id-Deċiżjoni (UE) 2017/684 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 li tistabbilixxi mekkaniżmu ta' skambju ta' informazzjoni fir-rigward tal-ftehimiet intergovernattivi u strumenti mhux vinkolanti bejn l-Istati Membri u pajjiżi terzi fil-qasam tal-enerġija, u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 994/2012/UE (ĠU L 99, 12.4.2017, p. 1).

6. 32018 R 1999: Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1), kif emendat bi:
- 32019 D 0504: Id-Deċiżjoni (UE) 2019/504 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 (ĠU L 85, I, 27.3.2019, p. 66),
 - 32021 R 1119: Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) L-Artikolu 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' governanza sabiex:

- (a) jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfassla biex jintlaḥqu l-oġettivi u l-miri tal-Unjoni tal-Enerġija u l-impenji fit-tul tal-UE dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet serra konsistenti mal-Ftehim ta' Pariġi, u għall-ewwel perjodu ta' 10 snin, mill-2021 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tal-enerġija u tal-klima tal-UE għall-2030, u jiġu implimentati strateġiji u miżuri mfassla biex jintlaḥqu l-oġettivi u l-miri korrispondenti ta' Andorra u għall-ewwel perjodu ta' 5 snin, mill-2026 sal-2030, b'mod partikolari l-miri tagħha tal-enerġija u tal-klima għall-2030;

- (b) tiġi stimulata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u Andorra, inkluż, meta jkun xieraq, fil-livell reġjonali, maħsuba biex jinkisbu l-oġettivi u l-impenji tal-Unjoni tal-Enerġija u l-miri ta' Andorra tal-enerġija u tal-klima;
- (c) jiġu żgurati t-tempestività, it-trasparenza, ir-reqqa, il-konsistenza, il-komparabbiltà u l-kompletezza tar-rapportar mill-UE u l-Istati Membri tagħha lill-UNFCCC u lis-segretarjat tal-Ftehim ta' Pariġi;
- (d) jingħata kontribut għal ċertezza regolatorja akbar kif ukoll għal ċertezza akbar lill-investituri u għajnuna sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ mill-opportunitajiet għall-iżvilupp ekonomiku, l-istimolu tal-investment, il-ħolqien tal-impjiegi u l-koeżjoni soċjali.

Għal Andorra, il-mekkaniżmu ta' governanza huwa bbażat fuq il-pjanijiet dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima li jkopru għall-ewwel perjodu, 5 snin, mill-2026 sal-2030, u sussegwentement ikopru perjodi ta' 10 snin li jibdew mill-2031 sal-2040, u r-rapporti nazzjonali integrati ta' progress korrispondenti dwar l-enerġija u l-klima minn Andorra. Il-mekkaniżmu ta' governanza jiżgura opportunitajiet effettivi sabiex il-pubbliku jipparteċipa fit-tnejja ta' daww il-pjanijiet dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima u l-Istrateġija fit-Tul dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima msemmija fl-Artikolu 15.

2. Dan ir-Regolament japplika għall-ħames dimensjonijiet tal-enerġija u l-klima, li huma marbutin mill-qrib ma' xulxin u jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku:

- (a) is-sigurtà tal-enerġija;
- (b) is-suq intern tal-enerġija;
- (c) l-effiċjenza enerġetika;

(d) id-dekarbonizzazzjoni; u

(e) ir-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività.”;

(b) L-Artikolu 2 għandu jiġi adattat kif ġej:

(i) Il-punt (6) għandu jitħassar.

(ii) Il-punt (7) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“(7) “projezzjonijiet” tfisser il-previżjonijiet tal-emissjonijiet antropoġeniċi ta’ gassijiet serra mis-sorsi u l-assorbimenti mill-bjar jew tal-iżviluppi tas-sistema tal-enerġija.”

(iii) Il-punti (11) u (12) għandhom jiġu sostitwiti b’dan li ġej:

“(11) il-miri tal-enerġija u tal-klima ta’ Andorra għall-2030 tfisser il-valur ikkalkulat abbażi tal-miri adottati għal Andorra kif ġej: mira vinkolanti minima ta’ tnaqqis domestiku tal-emissjonijiet ta’ gassijiet serra fl-ekonomija kollha meta mqabbla mal-2005, l-oġġla emissjonijiet ta’ gassijiet serra f’Andorra, li għandhom jinkisbu sal-2030, sehem minimu ta’ enerġija rinnovabbli kkunsmata f’Andorra fl-2030, mira ewlenija minima ta’ titjib fl-effiċjenza enerġetika fl-2030, u perċentwal minimu tal-mira għall-interkonnessjoni tal-elettriku għall-2030 jew kwalunkwe mira sussegwenti fit-termini li għandhom jiġu adottati f’dan ir-rigward minn Andorra;”;

(iv) Il-punt (14) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“(14) “indikaturi ewlenin” tfisser l-indikaturi għall-progress li jkun sar fir-rigward tal-ħames dimensjonijiet tal-enerġija u l-klima kif propost mill-Kummissjoni;”

(v) Il-punti (15), (16), (19) u (20) ma għandhomx japplikaw għal Andorra.

(c) L-Artikolu 3 għandu jiġi adattat kif ġej:

(i) Il-punt 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

Sal-1 ta' Jannar 2026, u sussegwentement sal-1 ta' Jannar 2029 u kull 10 snin minn hemm 'il quddiem, Andorra għandha tinnotifika lill-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bil-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima. Il-pjan għandu jinkludi l-elementi stabbiliti fil-punt 2 ta' dan l-Artikolu u jqis bis-siġġ l-elementi stabbiliti fl-Anness I. L-ewwel Pjan għandu jkopri l-perjodu mill-2026 sal-2030, filwaqt li titqies il-perspettiva fit-tul. Il-pjanijiet sussegwenti għandhom ikopru l-perjodu ta' 10 snin li jiġi immedjatament wara t-tmiem tal-perjodu kopert mill-istrateġija preċedenti.

(ii) Is-sentenza introduttorja tal-punt 2 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“Il-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima għandu jkun fih it-taqsimiet prinċipali li ġejjin:”

(iii) Fil-punt 2, l-ittra (a) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(a) stampa ġenerali tal-proċess segwit għall-istabbiliment tal-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, li jkun fih sommarju eżekuttiv, deskrizzjoni tal-konsultazzjoni pubblika u l-involvement tal-partijiet ikkonċernati u r-risultati tagħhom, u tal-kooperazzjoni reġjonali ma' Stati Membri oħra tal-UE fit-tnejja tal-pjan, kif stabbilit fl-Artikoli 10, 11 u 12;”;

(iv) Fil-punt 2, l-ittra (b) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(b) deskrizzjoni tal-oġġettivi, tal-miri u tal-kontributi nazzjonali relatati mad-dimensjonijiet tal-enerġija u tal-klima, kif stipulati fl-Artikolu 4;”;

(v) Fil-punt 2, l-ittra (d) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(d) deskrizzjoni tas-sitwazzjoni attwali tal-ħames dimensjonijiet tal-enerġija u tal-klima, inkluż fir-rigward tas-sistema tal-enerġija, l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra kif ukoll il-projezzjonijiet fir-rigward tal-oġġettivi msemmija fil-punt (b) fil-konfront ta' politiki u ta' miżuri li diġà jeżistu;”;

(vi) Fil-punt 2, l-ittra (h) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(h) anness, imfassal f'konformità mar-rekwiżiti u l-istruttura stabbiliti fl-Anness III ta' dan ir-Regolament, li jistabbilixxi l-metodoloġiji u l-miżuri ta' politika ta' Andorra biex jintlaħaq ir-rekwiżit tal-iffrankar enerġetiku f'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2012/27/UE u l-Anness V tagħha.”;

(vii) Is-sentenza introduttorja tal-paragrafu 3 għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“3. Fir-rigward tat-tħejjija tal-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, Andorra għandha:”;

(viii) Fil-punt 3, l-ittra (b) għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(b) iqisu l-interkonnessjonijiet bejn il-ħames dimensjonijiet tal-enerġija u tal-klima, b'mod partikolari l-prinċipju li 'l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel';”;

(ix) Fil-punt 3, it-tieni subparagrafu għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“F’każ li Andorra ssib, skont l-ittra (d) tal-ewwel subparagrafu, li għandha għadd sinifikanti ta’ unitajiet domestiċi f’faqar enerġetiku, abbażi tal-valutazzjoni tagħha ta’ *data* verifikabbli hija għandha tinkludi fil-pjan objettiv indikattiv nazzjonali tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima biex tnaqqas il-faqar enerġetiku.

Andorra għandha tiddefinixxi fil-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, il-politiki u l-miżuri, li jindirizzaw il-faqar enerġetiku, jekk ikun hemm, inklużi miżuri ta’ politika soċjali u programmi nazzjonali rilevanti oħra.”;

(x) Il-punt 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“4. Andorra għandha tqiegħed il-pjan tagħha dwar l-enerġija u l-klima ppreżentat lill-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni skont dan l-Artikolu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku”;

(xi) Il-punt 5 ma għandux japplika għal Andorra.

(d) It-test fl-Artikolu 4 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Andorra għandha tistabbilixxi l-obiettivi u l-miri li ġejjin relatati ma’ kull waħda mid-dimensjonijiet tal-enerġija u tal-klima fil-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima:

(a) rigward id-dimensjoni “Id-Dekarbonizzazzjoni”:

(1) mira nazzjonali ta’ tnaqqis tal-gassijiet serra, u fejn applikabbli biex tintlaħaq din il-mira għat-tnaqqis tal-gassijiet serra, objettivi u miri oħra, inklużi miri settorjali u għanijiet ta’ adattament,

- (2) mira nazzjonali f'termini ta' sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross;
- (b) mira nazzjonali fl-effiċjenza enerġetika, f'termini tal-livell assolut ta' konsum tal-enerġija primarja u l-konsum finali tal-enerġija;
- (c) mira nazzjonali f'ammont kumulattiv ta' ffrankar enerġetiku fl-użu finali,
- (d) mira nazzjonali f'termini ta' rinnovazzjoni tal-bini,
- (e) objettivi nazzjonali dwar id-Dimensjoni tas-Sigurtà tal-Enerġija,
- (f) objettivi nazzjonali fir-rigward tad-Dimensjoni tas-suq intern tal-enerġija,
- (g) objettivi nazzjonali u miri ta' finanzjament għar-riċerka u l-innovazzjoni pubbliċi, u fejn disponibbli, privati relatati mad-dimensjonijiet tal-enerġija u l-klima.”
- (e) L-Artikoli 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal Andorra.
- (f) It-test fl-Artikolu 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Andorra għandha tiddeskrivi fil-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, l-politiki u l-miżuri ewlenin eżistenti u pplanati biex b'mod partikolari jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-pjan, filwaqt li, meta jkun applikabbli, jiġu inklużi miżuri li jipprevedu l-kooperazzjoni reġjonali u l-finanzjament xieraq fil-livell nazzjonali u reġjonali, inkluża l-mobilizzazzjoni tal-programmi u l-istrumenti tal-UE.

Andorra għandha ttipprovdi stampa ġenerali tal-investment meħtieġ biex jintlaħqu l-oġġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, kif ukoll valutazzjoni ġenerali dwar is-sorsi ta' dak l-investment.”

(g) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Andorra għandha tiddekrivi s-sitwazzjoni attwali għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet, inklużi tas-sistema tal-enerġija u tal-emissjonijiet u tal-assorbimenti tal-gassijiet serra fiż-żmien li fih intbagħat il-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima jew abbażi tal-aħħar informazzjoni disponibbli. Andorra għandha wkoll tistabbilixxi u tiddekrivi l-projezzjonijiet għal kull waħda mill-ħames dimensjonijiet tal-enerġija u l-klima, għal tal-inqas it-tul ta' dak il-pjan, li mistennija jirriżultaw minn politiki u miżuri eżistenti. Andorra għandha tagħmel hilita biex tiddekrivi perspettivi addizzjonali aktar fit-tul għall-ħames dimensjonijiet lil hinn miż-żmien kopert mill-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, meta jkun rilevanti u possibbli.”;

(h) L-Artikolu 9 ma għandux japplika għal Andorra.

(i) It-test fl-Artikolu 10 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe rekwiżit ieħor tal-liġi tal-Unjoni, Andorra għandha tiżgura li l-pubbliku jingħata opportunitajiet bikrin u effettivi biex jipparteċipa fit-tħejjija tal-pjan dwar l-enerġija u l-klima kif ukoll tal-istrateġiji fit-tul imsemmija fl-Artikolu 15. Andorra għandha tehmeż ma' tali dokumenti lill-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni sommarju tal-fehmiet tal-pubbliku. Sa fejn tkun applikabbli d-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjonijiet li jkunu saru dwar l-abbozz f'konformità ma' dik id-Direttiva għandhom jitqiesu li jissodisfaw l-obbligi ta' konsultazzjoni tal-pubbliku skont dan ir-Regolament.

Andorra għandha tiżgura li l-pubbliku jiġi infurmat. Andorra għandha tillimita l-kumplessità amministrattiva fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.”

(j) It-test fl-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Andorra għandha tistabbilixxi djalogu f'diversi livelli dwar il-klima u l-enerġija skont ir-regoli nazzjonali, fejn l-awtoritajiet lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, il-komunità kummerċjali, l-investituri u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra kif ukoll il-pubbliku ġenerali jkunu jistgħu jinvolve ruħhom b'mod attiv u jiddiskutu l-kisba tal-oġettiv tan-newtralità klimatika ta' Andorra u x-xenarji differenti previsti għall-politiki dwar l-enerġija u l-klima, inkluż fuq perjodu ta' żmien fit-tul, u għandha teżamina mill-ġdid il-progress, sakemm mhux diġà għandha struttura li sservi l-istess skop. Il-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima jista' jiġi diskuss fil-qafas ta' dan id-djalogu.”

(k) It-test fl-Artikolu 12 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Andorra għandha tikkooopera ma' Stati Membri tal-UE ġirien, filwaqt li tqis il-forom eżistenti u potenzjali kollha ta' kooperazzjoni reġjonali, biex b'mod effettiv jintlaħqu l-oġettivi, il-miri u l-kontributi stabbiliti fil-pjan nazzjonali integrat tagħhom dwar l-enerġija u l-klima.

2. Andorra għandha, ferm qabel tibgħat l-abbozz tal-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, tidentifika opportunitajiet għal kooperazzjoni reġjonali u tikkonsulta lill-Istati Membri tal-UE ġirien, inkluż f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali. Jekk Andorra tqis li huwa xieraq, tista' tikkonsulta ma' Stati Membri tal-UE li jkunu wrew interess. Jenħtieġ li Andorra u l-Istati Membri tal-UE kkonsultati jingħataw żmien raġonevoli biex jirreaġixxu. Andorra għandha tistabbilixxi fl-istrateġija tagħha tal-inqas ir-riżultati provviżorji ta' tali konsultazzjonijiet reġjonali, inkluż, meta jkun applikabbli, kif ikunu ġew ikkunsidrati l-kummenti tal-Istati Membri tal-UE kkonsultati.

3. Andorra tista' tinvolvi ruħha f'abbozzar konġunt volontarju ta' partijiet mill-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima u r-rapporti tal-progress, inkluż f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali. Jekk tagħmel dan, ir-riżultat għandu jissostitwixxi l-partijiet ekwivalenti tal-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima u r-rapporti ta' progress ta' Andorra.

4. Fil-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, Andorra għandha tikkunsidra l-kummenti li tkun irċeviet minn Stati Membri oħra tal-UE skont il-punti 2 u 3, u tispjega f'dawk il-pjanijiet kif tali kummenti jkunu ġew ikkunsidrati.

5. Għall-finijiet imsemmija fil-punt 1, Andorra għandha tkompli tikkoopera ma' Stati Membri tal-UE fil-livell reġjonali, u, skont kif ikun xieraq, f'fora ta' kooperazzjoni reġjonali, meta timplimenta l-politiki u l-miżuri rilevanti tal-pjan dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima tagħha.

6. Andorra tista' tipprevedi wkoll kooperazzjoni mal-firmatarji tal-Komunità tal-Enerġija u ma' pajjiżi terzi li huma membri taż-Żona Ekonomika Ewropea.

7. Sa fejn huma applikabbli d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2001/42/KE, il-konsultazzjoni transfruntiera dwar l-abbozz f'konformità mal-Artikolu 7 ta' dik id-Direttiva għandha titqies li tissodisfa l-obbligi rigward il-kooperazzjoni reġjonali skont dan ir-Regolament, dment li r-rekwiżiti ta' dan l-Artikolu jkunu ssodisfati.”;

(l) It-test fl-Artikolu 13 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Abbażi tal-pjanijiet dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima u l-aġġornamenti tagħhom innotifikati skont l-Artikoli 3 u 14, il-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jista' jgħodh opinjonijiet dwar dawk il-pjanijiet.”

(m) It-test fl-Artikolu 14 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Sal-1 ta' Jannar 2034 u minn hemm 'il quddiem kull 10 snin, Andorra għandha tippreżenta lill-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni aġġornament tal-aħħar pjan innotifikat dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima jew għandha jipprovdi lill-Kumitat Konġunt ir-raġunijiet li jiġġustifikaw għalfejn il-pjan ma jirrikjedix aġġornamenti.

2. Fl-aġġornament imsemmi fil-punt 1, Andorra għandha timmodifika l-oġettiv nazzjonali, il-mira jew il-kontribut nazzjonali tagħha biex tirrifletti żieda fl-ambizzjoni meta mqabbla ma' dik stabbilita fl-aħħar pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima skont l-Artikolu 2 jew l-aħħar kontribut nazzjonali determinat ippreżentat lis-segretarjat tal-UNFCCC, skont liema jkun l-aktar ambizzjuż.

3. Andorra għandha tagħmel kull sforz biex fil-pjan aġġornat tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima jkun hemm mitigazzjoni ta' kwalunkwe impatt ambjentali avvers li jfeġġ bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima.

4. Il-proċeduri stipulati fl-Artikoli 10 u 12 għandhom japplikaw għat-tnejn tal-pjanijiet aġġornati dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima.

5. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' Andorra li tagħmel bidliet u adattamenti, fi kwalunkwe ħin, fil-politiki nazzjonali stipulati jew imsemmija fil-pjanijiet tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima, dment li tali bidliet u adattamenti jkunu inklużi fir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima.”;

(n) L-Artikolu 15 għandu jiġi adattat kif ġej:

(i) Il-punt 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Kif previst fl-Artikolu 3, għall-finijiet tal-mekkaniżmi ta' governanza li għandhom jiġu żviluppati biex tintwera l-konformità mal-azzjoni dwar il-klima u l-enerġija, Andorra għandha tinnotifika lill-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni l-Istrateġija fit-Tul tagħha dwar l-Enerġija u t-Tibdil fil-Klima u d-dokumenti ta' komunikazzjoni skont l-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi, speċifikament ir-Rapport ta' Trasparenza Biannwali, il-Komunikazzjoni Nazzjonali u l-Komunikazzjoni Nazzjonali Determinata. Sal-1 ta' Jannar 2026, u sussegwentement kull 10 snin mill-1 ta' Jannar 2029, Andorra għandha tħejji u tippreżenta lill-Kummissjoni l-istrateġa fit-tul tagħha b'perspettiva ta' mill-inqas 30 sena u konsistenti mal-oġettiv tagħha ta' newtralità klimatika.”

(ii) Il-punt 2 ma għandux japplika għal Andorra;

(iii) Il-punt 3 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“3. L-istrateġija fit-tul ta' Andorra għandha tikkontribwixxi:

- (a) biex twettaq l-impenji ta' Andorra skont il-UNFCCC u l-Ftehim ta' Pariġi li jitnaqqsu l-emissjonijiet antropoġeniċi tal-gassijiet serra u jissaħħu l-assorbimenti minn bjar u biex jiġi promoss iżjed sekwestru tal-karbonju;
- (b) biex jintlaħaq l-oġettiv tal-Ftehim ta' Pariġi li ż-żieda tat-temperatura medja globali tinżamm ferm inqas minn 2°C iktar mil-livelli pre-industrijali u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda tat-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C iktar mil-livelli pre-industrijali;

- (c) biex jinkiseb tnaqqis fit-tul tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tisħiħ fit-tul tal-assorbimenti minn bjar fis-setturi kollha f'konformità mal-objettiv ta' newtralità klimatika, fil-kuntest tat-tnaqqis meħtieġ tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u tat-titjib tal-assorbimenti minn bjar skont il-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC) biex b'mod kosteffettiv jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u jiżdied l-assorbiment minn bjar ħalli jintlaħaq l-għan tat-temperatura tal-Ftehim ta' Pariġi sabiex jinkiseb bilanċ bejn l-emissjonijiet antropoġeniċi minn sorsi u l-assorbiment minn bjar tal-gassijiet serra u, kif xieraq, jinkisbu emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem;
- (d) għal sistema tal-enerġija bbażata fuq sorsi rinnovabbli għolja li tkun effiċjenti ħafna.”;

(iv) Fil-punt 4, is-sentenza introduttorja għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“4. L-istrategġija fit-tul ta' Andorra għandu jkun fihom l-elementi stipulati fl-Anness IV. Barra minn hekk, l-istrategġija fit-tul ta' Andorra għandha tkopri.”;

(v) Il-punti 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal Andorra;

(vi) Il-punt 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“7. Andorra għandha tinforma u tqiegħed minnufih għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-istrategġija fit-tul rispettiva tagħha u kwalunkwe aġġornament tagħha.”

(vii) Il-paragrafi 8 u 9 ma għandhomx japplikaw għal Andorra;

(o) L-Artikolu 16 ma għandux japplika għal Andorra;

(p) L-Artikolu 17 għandu jiġi adattat kif ġej:

(i) Il-punt 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Sal-15 ta' Marzu 2030 u sussegwentement kull sentejn, Andorra għandha tirrapporta lill-Kumitat Konġunt tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima permezz ta' rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima li jkopri l-ħames dimensjonijiet tal-enerġija u l-klima. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri tal-UE skont l-Artikoli 20 sa 25, Andorra tista' tinkludi fir-rapporti ta' progress tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima l-elementi stabbiliti fl-Artikoli 20 sa 25.”;

(ii) Il-punt 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-rapport ta' progress nazzjonali integrat dwar l-enerġija u l-klima għandu jkopri l-elementi li ġejjin:

(a) l-informazzjoni dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu l-miri msemmija fl-Artikolu 2, u biex jiġu ffinanzjati u implimentati l-politiki u l-miżuri meħtieġa biex dawn jintlaħqu, inkluż rieżami tal-investment reali vis à vis s-suppożizzjonijiet ta' investment inizjali;

(b) meta jkun applikabbli, informazzjoni dwar il-progress fl-istabbiliment tad-dialogu msemmi fl-Artikolu 11;

(c) l-informazzjoni dwar l-adattament f'konformità mal-Artikolu 4.”

(iii) Il-punti 3 sa 6 ma għandhomx japplikaw għal Andorra.

(iv) Il-punt 7 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“7. Andorra għandha tagħmel disponibbli għall-pubbliku r-rapporti ppreżentati lill-Kumitat Konġunt.”

(q) L-Artikoli 18 sa 40 ma għandhomx japplikaw għal Andorra.

(r) L-Artikolu 41 għandu jiġi adattat kif ġej:

(a) Il-punt 1 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“1. Andorra għandha tikkoopera u tikkoordina għalkollox mal-UE u l-Istati Membri tagħha fir-rigward tal-obbligi skont dan ir-Regolament.”

7. 32014 R 1112: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1112/2014 tat-13 ta' Ottubru 2014 li jistabbilixxi format komuni għall-iskambju tat-tagħrif dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-operaturi u s-sidien tal-impjanti taż-żejt u tal-gass li jinsabu lil hinn mill-kosta u format komuni għall-pubblikazzjoni tat-tagħrif dwar l-indikaturi ta' perikli kbar mill-Istati Membri (ĠU L 302, 22.10.2014, p. 1).

KAPITOLU 2

ŻEJT

1. 31995 R 2964: Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2964/95 tal-20 ta' Diċembru 1995 li jintroduċi r-reġistrazzjoni għall-importazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat u l-kunsinni tiegħu fil-Komunità (ĠU L 310, 22.12.1995, p. 5).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex timporta żejt mhux raffinat.

2. 31999 D 0280: Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/280/KE tat-22 ta' April 1999 dwar proċedura tal-Komunità għal informazzjoni u konsultazzjoni fuq il-kost għal provvisti ta' żejt mhux maħdum u l-prezzijiet tal-prodotti tal-karburant għall-konsumatur (ĠU L 110, 28.4.1999, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex timporta żejt mhux raffinat.

3. 31999 D 0566: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/566/KE tas-26 ta' Lulju 1999 li timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/280/KE rigward proċedura tal-Komunità għal informazzjoni u konsultazzjoni fuq il-kost tal-provvista ta' żejt mhux maħdum u tal-prezzijiet tal-prodotti tal-petroleum għall-konsumatur (ĠU L 216, 14.8.1999, p. 8).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex timporta żejt mhux raffinat.

4. 32009 L 0119: Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/119 tal-14 ta' Settembru 2009 li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u/jew ta' prodotti petroliferi (ĠU L 265, 9.10.2009, p. 9), kif emendata bi:
- 32018 L 1581: Id-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1581 tad-19 ta' Ottubru 2018 (ĠU L 263, 22.10.2018, p. 57),
 - 32018 R 1999: Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) “Andorra għandha tiżgura b’mod effettiv li tissodisfa l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva permezz ta’ ftehimiet bilaterali mal-Istati Membri tal-UE ġirien li l-ħażniet totali ta’ żejt li jinżammu f’kull ħin fit-territorju tal-Partijiet Assoċjati għall-benefiċċju ta’ Andorra jikkorrispondu, mill-inqas, għal 90 jum tal-importazzjoni netta medja ta’ kuljum jew 61 jum tal-konsum intern medju ta’ kuljum, skont liema miż-żewġ kwantitajiet tkun l-ikbar.”
- (b) L-Artikoli 5 sa 15, 17, 20, 21 u 18 tad-Direttiva ma għandhomx japplikaw.
- (c) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta’ dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun perjodu ta’ sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.”

KAPITOLU 3

GASS

1. 32009 L 0073: Id-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94), emendata bi:
 - 32018 R 1999: Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1),
 - 32019 L 0692: Id-Direttiva (UE) 2019/692 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 (ĠU L 117, 3.5.2019, p. 1),
 - 32022 R 0869: Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

2. 32009 R 0715: Ir-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1775/2005 (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 36), kif emendat bi:
- 32010 D 0685: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/685/UE tal-10 ta' Novembru 2010 (ĠU L 293, 11.11.2010, p. 67),
 - 32012 D 0490: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2012/490/UE tal-24 ta' Awwissu 2012 (ĠU L 231, 28.8.2012, p. 16),
 - 32013 R 0347: Ir-Regolament (UE) Nru 347/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2013 (ĠU L 115, 25.4.2013, p. 39),
 - 32015 D 0715: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/715 tat-30 ta' April 2015 (ĠU L 114, 5.5.2015, p. 9),
 - 32018 R 1999: Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1),
 - 32022 R 0869: Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45),
 - 32022 R 1032: Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

3. 32017 R 1938: Ir-Regolament (UE) 2017/1938 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2017 dwar miżuri għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-provvista tal-gass u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 994/2010 (ĠU L 280, 28.10.2017, p. 1), kif emendat bi:

- 32022 R 0517: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/517 tat-18 ta' Novembru 2021 (ĠU L 104, 1.4.2022, p. 53).
- 32022 R 1032: Ir-Regolament (UE) 2022/1032 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2022 (ĠU L 173, 30.6.2022, p. 17).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni jew distribuzzjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

4. 32014 R 0312: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 312/2014 tas-26 ta' Marzu 2014 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar l-Ibbilanċjar tal-Gass tan-Networks ta' Trażmissjoni (ĠU L 91, 27.3.2014, p. 15).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

5. 32015 R 0703: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/703 tat-30 ta' April 2015 li jstabbilixxi Kodiċi tan-Network għar-Regoli dwar l-Interoperabbiltà u l-Iskambju ta' *Data* (ĠU L 113, 1.5.2015, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

6. 32015 D 0715: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/715 tat-30 ta' April 2015 li temenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-aċċess għan-networks ta' trażmissjoni tal-gass naturali (ĠU L 114, 5.5.2015, p. 9).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

7. 32017 R 0459: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/459 tas-16 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi Kodiċi tan-Network dwar il-Mekkaniżmi ta' Allokazzjoni tal-Kapaċità fis-Sistemi ta' Trażmissjoni tal-Gass u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 984/2013 (ĠU L 72, 17.3.2017, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

8. 32017 R 0460: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/460 tas-16 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar strutturi tariffarji armonizzati għat-trażmissjoni tal-gass (ĠU L 72, 17.3.2017, p. 29).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-gass naturali fit-territorju tagħha.

KAPITOLU 4

ELETTRIKU

1. 32019 R 0941: Ir-Regolament (UE) 2019/941 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar it-tnejn għar-riskji fis-settur tal-elettriku u li jħassar id-Direttiva 2005/89/KE (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 1)
2. 32019 R 943: Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku). (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54), kif emendat bi:
 - 32022 R 0869: Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).
3. 32019 L 0944: Id-Direttiva (UE) 2019/944 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 125), kif emendata bi:
 - 32022 R 0869: Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 (ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Dan li ġej għandu jżied mal-Artikolu 66(2):

“L-Artikoli 59(1)(y), 59(5) sa, 59(8) ma għandhomx japplikaw għal Andorra sakemm jingħataw derogi f'konformità mal-Artikolu 66(6).”

(b) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 66:

“6. Bħala pajjiżi li huma sistemi konnessi żgħar, sal-31 ta’ Diċembru 2030, Andorra tista’ tidderoga mill-Artikoli minn 4 sa 7, 10(1), 10(12), 12 u 14, dment li:

- (a) l-impriżi nazzjonali tal-elettriku jsiru biex jirrispettaw miżuri li jiżguraw l-operat prudenti u effiċjenti tagħhom, inklużi miżuri biex jibbilanċjaw il-kontijiet f’perjodu raġonevoli;
- (b) l-impriżi nazzjonali tal-elettriku jipprovdu lill-klijenti tagħhom bi prezzijiet, standards ta’ servizz u għażla simili għal dawk disponibbli għall-konsumaturi fi swieq kompetittivi li jiffunzjonaw tajjeb, inklużi mill-inqas tliet tariffi differenti;
- (c) l-impriżi nazzjonali tal-elettriku li jaġixxu bħala fornituri huma marbuta li jrawmu r-rispons tad-domanda permezz tal-aggregazzjoni u li jippermettu mill-inqas lill-klijenti akbar jipparteċipaw fir-rispons tad-domanda permezz tal-aggregazzjoni;
- (d) awtorità regolatorja indipendenti tistabbilixxi l-prezzijiet tal-provvista tal-impriżi nazzjonali tal-elettriku lill-klijenti finali tagħha. Għall-fini tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Artikoli 15 u 16, ma għandha tingħata l-ebda deroga mill-Artikolu 6 sa fejn huwa kkonċernat l-aċċess għas-sistema ta’ distribuzzjoni għall-klijenti attivi u l-komunitajiet tal-enerġija taċ-ċittadini.

L-awtoritajiet nazzjonali għandhom jiġbru u jirrapportaw l-indikaturi relatati mal-prezzijiet, l-istandards tas-servizz u l-għażla disponibbli għall-konsumaturi fis-settur tal-elettriku lill-Kummissjoni fuq bażi annwali.

Fuq talba motivata minn Andorra, il-kumitat konġunt jista' jestendi d-derogi kollha jew uħud minnhom previsti fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-punt. Id-deċiżjoni tal-kumitat konġunt għandha tiddetermina l-perjodu ta' żmien li għalih tingħata l-estensjoni. Il-Kumitat konġunt jista' jorbot kundizzjonijiet u obbligi mad-deċiżjoni tiegħu bl-għan li jiżgura li r-rekwiżiti stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-punt jiġu ssodisfati. Fuq talba motivata, il-kumitat konġunt jista' jagħti aktar estensjonijiet wara li jiskadi l-perjodu ta' żmien stabbilit mid-deċiżjoni oriġinali tiegħu, sakemm ir-rekwiżiti għall-għoti ta' tali estensjoni jibqgħu jiġu ssodisfati."

- (c) Fir-rigward tal-Kapitoli V u VI u l-Artikolu 59(1) sub (h), (k), (w) u l-Artikolu 62, għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 għal dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-kostruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

4. 32010 R 0838: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 838/2010 tat-23 ta' Settembru 2010 dwar l-iffissar ta' linji gwida għall-mekkaniżmu ta' kumpens lil operatori tas-sistemi ta' intertrażmissjoni u għal approċċ regolatorju komuni għall-ħlasijiet tat-trażmissjoni (ĠU L 250, 24.9.2010, p. 5).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-kostruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

5. 32013 R 0543: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 543/2013 tal-14 ta' Ġunju 2013 dwar is-sottomissjoni u l-pubblikazzjoni ta' *data* (dejta) fis-swieq tal-elettriku u li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 714/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 163, 15.6.2013, p. 1), kif emendat bi:

- 32019 R 943: Ir-Regolament (UE) 2019/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 dwar is-suq intern tal-elettriku). (ĠU L 158, 14.6.2019, p. 54).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

6. 32015 R 1222: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1222 tal-24 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi Linji Gwida dwar l-Allokazzjoni tal-Kapaċità u l-Ġestjoni tal-Konġestjoni (ĠU L 197, 25.7.2015, p. 24), kif emendat bi:

- 32021 R 0280: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/280 tat-22 ta' Frar 2021 (ĠU L 62, 23.2.2021, p. 24).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

7. 32016 R 0631: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/631 tal-14 ta' April 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar rekwiżiti għall-konnessjoni tal-ġeneraturi mal-grilja (ĠU L 112, 27.4.2016, p. 1).
8. 32016 R 1388: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1388 tas-17 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar il-konnessjoni tad-domanda (ĠU L 223, 18.8.2016, p. 10).
9. 32016 R 1447: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1447 tas-26 ta' Awwissu 2016 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar ir-rekwiżiti għall-konnessjoni mal-grilja ta' sistemi ta' kurrent dirett b'vultaġġ għoli u ta' moduli ta' parks tal-enerġija konnessi b'kurrent dirett (ĠU L 241, 8.9.2016, p. 1).
10. 32016 R 1719: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1719 tas-26 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-allokazzjoni bil-quddiem tal-kapaċità (ĠU L 259, 27.9.2016), kif emendat bi:
 - 32021 R 0280: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/280 tat-22 ta' Frar 2021 (ĠU L 62, 23.2.2021, p. 24).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

11. 32017 R 1485: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/1485 tat-2 ta' Awwissu 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar it-tħaddim tas-sistema ta' trażmissjoni tal-elettriku (ĠU L 220, 25.8.2017, p. 1), kif emendat bi:

- 32021 R 0280: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/280 tat-22 ta' Frar 2021 (ĠU L 62, 23.2.2021, p. 24).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

12. 32017 R 2195: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2195 tat-23 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi linja gwida dwar l-ibbilanċjar tal-elettriku (ĠU L 312, 28.11.2017, p. 6), kif emendat bi:

- 32021 R 0280: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/280 tat-22 ta' Frar 2021 (ĠU L 62, 23.2.2021, p. 24).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

13. 32017 R 2196: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/2196 tal-24 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi kodiċi tan-network dwar l-emerġenza u r-restawr tal-elettriku (ĠU L 312, 28.11.2017, p. 54)

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 4 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Matul is-sospensjoni msemmija fl-Artikolu 4(2) tal-Protokoll Qafas 1, Andorra ma għandhiex tawtorizza l-konstruzzjoni u d-dħul fis-servizz ta' network ta' trażmissjoni tal-elettriku fit-territorju tagħha.

KAPITOLU 5

ENERĠIJA RINNOVABBLI

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tal-atti legali tal-UE elenkati f'dan il-Kapitolu, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2025.

1. 32018 L 2001: Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82), kif emendata bi:

- 32022 R 0759: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/759 tal-14 ta' Diċembru 2021 (ĠU L 139, 18.5.2022, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) L-Artikolu 3(1) ma għandux japplika.

(b) L-Artikolu 3(2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Andorra għandha tistabbilixxi mira nazzjonali indikattiva dwar is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-konsum finali gross tal-enerġija tagħha fl-2030 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2025 bħala parti mill-pjan tagħha dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima f'konformità mal-Artikoli 3, 4 u 10 sa 14 tar-Regolament (UE) 2018/1999.

- (a) Il-kliem "ċittadini tal-Unjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE u ta' Andorra".
- (b) Il-kliem "ħaddiema tal-Unjoni" għandu jiġi sostitwit bil-kelma "ħaddiema".
- (c) Fl-Artikoli 1 u 3 l-kliem "l-Artikolu 45 tat-TFUE" għandu jiġi sostitwit bil-kliem "l-Artikolu 14 tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni".

- (d) Fl-Artikolu 4, il-kliem “regoli tal-Unjoni dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “regoli dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema skont il-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”.
- (e) Fl-Artikolu 6, il-kliem “mil-liġi tal-Unjoni” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “mill-Ftehim ta’ Assoċjazzjoni”.
- (f) Fl-Artikolu 7, il-kliem “l-Artikolu 21 tat-TFUE u” ma għandux japplika.

11. 32018 D 1020: Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1020 tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar l-adozzjoni u l-aġġornament tal-lista ta’ ħiliet, kompetenzi u okkupazzjonijiet tal-klassifikazzjoni Ewropea għall-fini tat-tlaqqiġ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT tal-EURES (ĠU L 183, 19.7.2018, p. 17).

Għall-finijiet ta’ dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta’ din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun perjodu ta’ sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan il-Ftehim.

12. 32018 D 1021: Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1021 tat-18 ta’ Lulju 2018 dwar l-adozzjoni ta’ standards u formati tekniċi meħtieġa għall-operazzjoni tat-tlaqqiġ awtomatizzat permezz tal-pjattaforma komuni tal-IT bl-użu tal-klassifikazzjoni Ewropea u l-interoperabbiltà bejn is-sistemi nazzjonali u l-klassifikazzjoni Ewropea (ĠU L 183, 19.7.2018, p. 20).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun perjodu ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

13. 32019 R 1149: Ir-Regolament (UE) 2019/1149 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jstabbilixxi Awtorità Ewropea tax-Xogħol, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004, (UE) Nru 492/2011, u (UE) 2016/589 u li jħassar id-Deċiżjoni (UE) 2016/344 (ĠU L 186, 11.7.2019, p. 21).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Fl-Artikolu 17 għandu jiddaħħal il-punt li ġej:

“1a. Andorra tista' tipparteċipa fil-laqgħat u d-deliberazzjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol bħala osservatur mingħajr ma tiegħu sehem fi kwalunkwe attività oħra tal-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.”

Dan l-adattament għandu jiġi rivedut wara 5 snin mid-dħul fis-seħħ tal-Ftehim.

SIGURTÀ SOĊJALI

Lista prevista fl-Artikolu 15 tal-Ftehim Qafas

WERREJ

1	Koordinazzjoni ġenerali tas-sigurtà soċjali	2
2	Is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari	7

INTRODUZZJONI

Meta l-atti legali msemmija f'dan l-Anness ikun fihom kunċetti jew jirreferu għal proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-UE, bħal:

- premessi;
- id-destinatarji tal-atti legali tal-UE;
- referenzi għal territorji jew lingwi tal-UE;
- referenzi għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE, l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom fir-rigward ta' xulxin; u

- referenzi għal informazzjoni u proċeduri ta' notifika;

il-Protokoll Qafas 1 dwar l-adattamenti orizzontali għandu japplika, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness.

KAPITOLU 1

KOORDINAZZJONI ĠENERALI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

ATTI MSEMMIJA

1. 32004 R 0883: Ir-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1), kif ikkoreġut bil-ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1 u l-ĠU L 204, 4.8.2007, p. 30, kif emendat bi:
 - 32009 R 0988: Ir-Regolament (KE) Nru 988/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 43),
 - 32010 R 1244: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, 22.12.2010, p. 35),
 - 32012 R 0465: Ir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4),
 - 32012 R 1224: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 45),

- 32013 R 0517: Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1),
- 32013 R 1372: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1372/2013 tad-19 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 27), kif emendat bi:
 - 32014 R 1368: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1368/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 15), kif ikkoreġut bil-ĠU L 288, 22.10.2016, p. 58,
- 32017 R 0492: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/492 tal-21 ta' Marzu 2017 (ĠU L 76, 22.3.2017, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Dan li ġej għandu jizzied mal-Anness II:

“ANDORRA-SPANJA

L-Artikolu 11.4 tal-Konvenzjoni bilaterali dwar is-sigurtà soċjali bejn Spanja u Andorra tal-14 ta' April 1978 (dwar id-drittijiet miksuba minn persuni assigurati li jirċievu pensjoni Spanjola residenti f'Andorra li jżommu d-dritt għall-benefiċċji in natura daqslikieku komplew jirrisjedu fi Spanja abbażi ta' 100 %).

L-Artikolu 46 tal-Konvenzjoni bilaterali dwar is-sigurtà soċjali bejn Spanja u Andorra tal-1 ta' Jannar 2003 (dwar id-drittijiet miksuba minn persuni assigurati li jirċievu pensjoni Spanjola li jirrisjedu f'Andorra li jżommu d-dritt għall-benefiċċji in natura daqslikieku komplew jirrisjedu fi Spanja abbażi ta' 100 %).”

- (b) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Anness III:

“ANDORRA”

- (c) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Anness X:

“ANDORRA

- (a) Supplement mhux kontributorju għall-pensjonijiet tal-invalidità (l-Artikolu 170a tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali 17/2008 tat-3 ta' Ottubru).
- (b) Supplement mhux kontributorju għall-pensjonijiet tar-romol (l-Artikolu 184 tal-Liġi dwar is-Sigurtà Soċjali 17/2008 tat-3 ta' Ottubru).
- (c) Allowance ta' solidarjetà għal persuni b'diżabilità (l-Artikolu 25 tad-Digriet Leġiżlattiv 30/05/2018 li jippubblika t-test riformulat tal-Liġi 6/2014 tal-24 ta' April dwar is-servizzi soċjali u tas-saħħa soċjali; u l-Artikoli 9 u 10 tad-Digriet 07/10/2020 li japprova r-Regolament dwar il-Benefiċċji Ekonomiċi tas-Servizzi Soċjali u tas-Saħħa Soċjali).
- (d) Allowance ta' solidarjetà għall-anzjani (l-Artikolu 26 tad-Digriet Leġiżlattiv 30/05/2018 li jippubblika t-test riformulat tal-Liġi 6/2014 tal-24 ta' April dwar is-servizzi soċjali u tas-saħħa soċjali; u l-Artikoli 9 u 11 tad-Digriet 07/10/2020 li japprova r-regolamenti dwar il-benefiċċji.”.

- (d) MODALITAJIET GĦALL-PARTEĊIPAZZJONI TA' ANDORRA FIL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TA' SIGURTÀ SOĊJALI U FIL-KUMMISSJONI TEKNIKA GĦALL-IPPROĊESSAR TAD-*DATA* U FIL-BORD TAL-AWDITJAR, IT-TNEJN MARBUTA MAL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA, F'FONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 80 TAL-FTEHIM QAFAS:

Andorra tista' tibgħat rappreżentant, preżenti f'kapaċità konsultattiva (osservatur), għall-laqgħat tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, marbuta mal-Kummissjoni Ewropea, u għall-laqgħat tal-Kummissjoni Teknika għall-iproċessar tad-*data* u tal-Bord tal-Verifika, it-tnejn marbuta mal-Kummissjoni Amministrattiva.

- (e) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun perjodu ta' sentejn mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali fejn dan il-perjodu għandu jkun 5 snin mid-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

2. 32019 R 0500: Ir-Regolament (UE) 2019/500 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi miżuri ta' kontinġenza fil-qasam tal-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea (ĠU L 85, I, 27.3.2019, p. 35).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fil-punt 2 ta' dak l-Artikolu għandu jkun perjodu ta' sentejn wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali fejn dan il-perjodu għandu jkun 5 snin wara d-*data* tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. 32009 R 0987: Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1), kif emendat bi:

- 32010 R 1244: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1244/2010 tad-9 ta' Diċembru 2010 (ĠU L 338, 22.12.2010, p. 35),
- 32012 R 0465: Ir-Regolament (UE) Nru 465/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 (ĠU L 149, 8.6.2012, p. 4),
- 32012 R 1224: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2012 tat-18 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 45),
- 32013 R 1372: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1372/2013 tad-19 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 346, 20.12.2013, p. 27),
- 32014 R 1368: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1368/2014 tas-17 ta' Diċembru 2014 (ĠU L 366, 20.12.2014, p. 15), kif ikkoreġut bil-ĠU L 288, 22.10.2016, p. 58,
- 32017 R 0492: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/492 tal-21 ta' Marzu 2017 (ĠU L 76, 22.3.2017, p. 13).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fil-punt 2 ta' dak l-Artikolu għandu jkun perjodu ta' sentejn wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali fejn dan il-perjodu għandu jkun 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 2

IS-SALVAGWARDJA TAD-DRITTJIET TAL-PENSJONI SUPPLIMENTARI

ATTI MSEMMIJA

1. 31998 L 0049: Id-Direttiva tal-Kunsill 98/49/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar is-salvagwardja tad-drittijiet tal-pensjoni supplimentari ta' persuni impjegati u dawk li jaħdmu għal rashom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità (ĠU L 209, 25.7.1998, p. 46).
2. 32014 L 0050: Id-Direttiva 2014/50/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar ir-rekwiżiti minimi sabiex tiżdied il-mobbiltà tal-ħaddiema minn Stat Membru għal ieħor permezz ta' titjib fil-ksib u l-preservazzjoni tad-drittijiet għal pensjoni supplimentari (ĠU L 128, 30.4.2014, p. 1).

ATTI LI L-PARTIJIET ASSOĊJATI GĦANDHOM IQISU KIF XIERAQ

1. 32010 D 0424(01): Id-Deċiżjoni Nru A1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-istabbiliment ta' proċedura ta' djalogu u konċiljazzjoni dwar il-validità ta' dokumenti, id-determinazzjoni tal-leġislazzjoni applikabbli u l-provvista ta' benefiċċji skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 1).
2. 32010 D 0424(02): Id-Deċiżjoni Nru A2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-leġislazzjoni applikabbli għal ħaddiema stazzjonati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom li jaħdmu temporanjament barra l-Istat kompetenti (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 5).

3. 32010 D 0608(01): Id-Deċiżjoni Nru A3 tas-17 ta' Diċembru 2009 dwar l-akkumulazzjoni ta' perjodi ta' stazzjonar mhux interrotti mwettqa skont tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 149, 8.6.2010, p. 3).
4. 32010 D 0710(01): Id-Deċiżjoni Nru E2 tat-3 ta' Marzu 2010 dwar l-istabbiliment ta' proċedura tal-ġestjoni tat-tibdil li tapplika għad-dettalji tal-korpi definiti fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li huma elenkati fid-direttorju elettroniku li hu parti inerenti tal-EESSI (ĠU C 187, 10.7.2010, p. 5).
5. 32014 D 0520(03): Id-Deċiżjoni Nru E4 tat-13 ta' Marzu 2014 dwar il-perjodu tranżitorju kif definit fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 152, 20.5.2014, p. 21).
6. 32 017 D 0719(01): Id-Deċiżjoni E5 tas-16 ta' Marzu 2017 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-perjodu tranżitorju tal-iskambju ta' *data* permezz ta' mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 233, 19.7.2017, p. 3).
7. 32018 D 1004 (02): Id-Deċiżjoni Nru E6 tad-19 ta' Ottubru 2017 dwar id-determinazzjoni ta' meta messaġġ elettroniku jitqies legalment li twassal fis-sistema tal-Iskambju Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali (EESSI) (ĠU C 355, 4.10.2018, p. 5).
8. 32020 D 0306 (01): Id-Deċiżjoni Nru E7 tas-27 ta' Ġunju 2019 li tikkonċerna l-arranġamenti prattiċi għall-koperazzjoni u l-iskambju tad-*data* sakemm l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (EESSI) jiġi implimentat bis-sħiħ fl-Istati Membri (ĠU C 73, 6.3.2020, p. 5).

9. 32010 D 0424(04): Id-Deċiżjoni Nru F1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli ta' prijorità f'każ ta' overlapping tal-benefiċċji tal-familja (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 11).
10. 32016 D 0211(05): Id-Deċiżjoni Nru F2 tat-23 ta' Ġunju 2015 dwar l-iskambju tad-*data* bejn l-istituzzjonijiet biex jingħataw il-benefiċċji tal-familji (ĠU C 52, 11.2.2016, p. 11).
11. 32019 D 0626(01): Id-Deċiżjoni Nru F3 tad-19 ta' Diċembru 2018 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 68 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 b'rabta mal-metodu tal-kalkolu tas-suppliment li jagħmel tajjeb għad-differenza (ĠU C 215, 26.6.2019, p. 2).
12. 32010 D 0424(05): Id-Deċiżjoni Nru H1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas għat-tranżizzjoni mir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-applikazzjoni ta' Deċiżjonijiet u Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-koordinament ta' sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 13).
13. 32010 D 0608(02): Id-Deċiżjoni Nru H5 tat-18 ta' Marzu 2010 dwar il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi u l-iżbalji fil-qafas tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 883/2004 u Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (ĠU C 149, 8.6.2010, p. 5).
14. 32011 D 0212(01): Id-Deċiżjoni Nru H6 tas-16 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti prinċipji dwar l-aggregazzjoni tal-perjodi skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU C 45, 12.2.2011, p. 5).

15. 32020 D 0807 (01): Id-Deċiżjoni Nru H9 tas-17 ta' Ġunju 2020 dwar il-posponiment tal-iskadenzi msemmija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif ukoll fid-Deċiżjoni Nru S9 minħabba l-Pandemija tal-COVID-19 (ĠU C 259, 7.8.2020, p. 9).
16. 32021 D 0316(01): Id-Deċiżjoni Nru H10 tal-21 ta' Ottubru 2020 dwar il-metodi ta' ħidma u l-kompożizzjoni tal-Kummissjoni Teknika għall-Ipproċessar tad-*Data* tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Kordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali (ĠU C 89, 16.3.2021, p. 6).
17. 32021 D 0506 (01): Id-Deċiżjoni Nru H11 tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar il-posponiment tal-iskadenzi msemmija fl-Artikoli 67 u 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 kif ukoll fid-Deċiżjoni Nru S9 minħabba l-Pandemija tal-COVID-19 (ĠU C 170, 6.5.2021, p. 4).
18. 32022 D 0228 (01): Id-Deċiżjoni Nru H12 tad-19 ta' Ottubru 2021 li tikkonċerna d-data li għandha tiġi kkunsidrata għad-determinazzjoni tar-rati tal-kambju msemmija fl-Artikolu 90 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 93, 28.2.2022, p. 6).
19. 32022 D 0810 (01): Id-Deċiżjoni Nru H13 tat-30 ta' Marzu 2022 dwar il-kompożizzjoni u l-metodi ta' ħidma tal-Bord tal-Verifika tal-Kummissjoni Amministrattiva għall-Koordinazzjoni tas-Sistemi tas-Sigurtà Soċjali (Test b'relevanza għaż-ŻEE u għal-Ftehim KE/Żvizzera) 2022/C 305/03 (ĠU C 305, 10.8.2022, p. 4).
20. 32010 D 0424(07): Id-Deċiżjoni Nru P1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 50(4), 58 u 87(5) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għall-għoti tal-benefiċċji tal-Invalidità, tal-Età u tas-Superstiti (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 21).

21. 32013 D 0927(01): Id-Deċiżjoni Nru R1 tal-20 ta' Ġunju 2013 li tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-Artikolu 85 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 279, 27.9.2013, p. 11).
22. 32010 D 0424(08): Id-Deċiżjoni Nru S1 tat-12 ta' Ġunju 2009 rigward il-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Ewropea (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 23).
23. 32010 D 0424(09): Id-Deċiżjoni Nru S2 tat-12 ta' Ġunju 2009 li tikkonċerna l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-Karta Ewropea tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 26).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Minkejja l-punt 3.3.2 tal-Anness tad-Deċiżjoni, Andorra għandu madankollu jkollha l-possibbiltà li ddaħħal l-istilel Ewropej fuq il-Karti Ewropej tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa li għandhom jinħarġu minn Andorra.

24. 32010 D 0424(10): Id-Deċiżjoni Nru S3 tat-12 ta' Ġunju 2009 li tiddefinixxi l-benefiċċji koperti mill-Artikoli 19(1) u 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-Artikolu 25(A)(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 40).
25. 32010 D 0424(15): Id-Deċiżjoni Nru S5 tat-2 ta' Ottubru 2009 dwar l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "benefiċċji mhux finanzjarji" kif definit fl-Artikolu 1(va) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-każ ta' mard jew maternità skont l-Artikoli 17, 19, 20, 22, 24(1), 25, 26, 27 (1, 3, 4 u 5), 28, 34 u 36 (1 u 2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u dwar il-kalkolu tal-ammonti li għandhom jitħallsu lura skont l-Artikoli 62, 63 u 64 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 54).

26. 32010 D 0427(02): Id-Deċiżjoni Nru S6 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar ir-reġistrazzjoni fl-Istat Membru ta' residenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 u l-kompilazzjoni tal-inventarji previsti fl-Artikolu 64 (4) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 107, 27.4.2010, p. 6).
27. 32011 D 0906(01): Id-Deċiżjoni Nru S8 tal-15 ta' Ġunju 2011 dwar l-għoti ta' proteżi, apparat maġġuri u benefiċċji sostanzjali oħra in natura previsti fl-Artikolu 33 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU C 262, 6.9.2011, p. 6).
28. 32014 D 0520(02): Id-Deċiżjoni Nru S10 tad-19 ta' Diċembru 2013 dwar it-tranżizzjoni mir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 u l-applikazzjoni tal-proċeduri tar-rimborż (ĠU C 152, 20.5.2014, p. 16).
29. 32021 D 0618 (01): Id-Deċiżjoni Nru S11 tad-9 ta' Diċembru 2020 dwar proċeduri ta' ħlas lura għall-implimentazzjoni tal-Artikoli 35 u 41 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 (ĠU C 236, 18.6.2021, p. 4).
30. 32010 D 0424(11): Id-Deċiżjoni Nru U1 tat-12 ta' Ġunju 2009 rigward l-Artikolu 54(3) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żidiet fil-benefiċċji tal-qgħad għal membri dipendenti tal-familja (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 42).
31. 32010 D 0424(12): Id-Deċiżjoni Nru U2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-ambitu tal-Artikolu 65(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-dritt għall-benefiċċji tal-qgħad ta' persuni qiegħda għal kollox minbarra ħaddiema transkonfinali li kienu residenti fit-territorju ta' Stat Membru li mhuwiex l-Istat Membru kompetenti matul l-aħħar perjodu tal-impjieg tagħhom jew tax-xogħol għal rashom (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 43).

32. 32010 D 0424(13): Id-Deċiżjoni Nru U3 tat-12 ta' Ġunju 2009 rigward l-ambitu tal-kunċett "qgħad parzjali" li japplika għal persuni qiegħda msemija fl-Artikolu 65(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 45).
33. 32012 D 0225(01): Id-Deċiżjoni Nru U4 tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-proċeduri tar-rimborż skont l-Artikolu 65(6) u (7) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Artikolu 70 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 (ĠU C 57, 25.2.2012, p. 4).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjonijiet għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fil-punt 2 ta' dak l-Artikolu għandu jkun perjodu ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-applikazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar l-Iskambju Elettroniku ta' Informazzjoni dwar is-Sigurtà Soċjali (Serje tad-Deċiżjonijiet E) fejn dan il-perjodu għandu jkun 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

ATTI LI GħANDHOM JIEĦDU NOTA TAGħHOM IL-PARTIJIET ASSOĊJATI

1. 32018 H 0529 (01): Ir-Rakkomandazzjoni Nru A1 tat-18 ta' Ottubru 2017 dwar il-ħruġ tal-attestazzjoni li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 183, 29.5.2018, p. 5).

2. 32013 H 0927 (01): Ir-Rakkomandazzjoni H1 tad-19 ta' Ġunju 2013 li tikkonċerna s-sentenza Gottardo, li skontha l-vantaġġi li jgawdu ċ-ċittadini proprji ta' Stat skont konvenzjoni bilaterali dwar is-sigurtà soċjali ma' pajjiż mhux membru jridu jingħataw ukoll lill-ħaddiema li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra (ĠU C 279, 27/09/2013, p. 13).
3. 32019 H 0429 (01): Ir-Rakkomandazzjoni Nru H2 tal-10 ta' Ottubru 2018 rigward l-inklużjoni ta' karatteristiċi ta' awtentikazzjoni fid-Dokumenti Portabbli maħruġ mill-istituzzjoni ta' Stat Membru u li juru l-pożizzjoni ta' persuna għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU C 147, 29.4.2019, p. 6).
4. 32012 H 0810(01): Ir-Rakkomandazzjoni Nru S1 tal-15 ta' Marzu 2012 dwar l-aspetti finanzjarji ta' donazzjonijiet transkonfinali ta' organi ħajjin (ĠU C 240, 10.8.2012, p. 3).
5. 32014 H 0218(01): Ir-Rakkomandazzjoni S2 tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt għal benefiċċji in natura għal persuni assigurati u l-membri tal-familja tagħhom, matul żjara f'pajjiż terz skont konvenzjoni bilaterali bejn l-Istat Membru kompetenti u l-pajjiż terz (ĠU C 46, 18/02/2014, p. 8).
6. 32010 H 0424(02): Ir-Rakkomandazzjoni Nru U1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-persuni qiegħda involuti f'attività professjonali jew kummerċjali part-time fi Stat Membru ieħor li mhuwiex l-Istat ta' residenza (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 49).

7. 32010 H 0424(03): Ir-Rakkomandazzjoni Nru U2 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 64(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għal persuni qiegħda li jakkumpanjaw is-sieħeb/sieħba tagħhom li qed jieħdu sehem f'attività professjonali jew kummerċjali fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat kompetenti (ĠU C 106, 24.4.2010, p. 51).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjonijiet għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1 ta' dan il-Ftehim. Il-perjodu msemmi fil-punt 2 ta' dak l-Artikolu għandu jkun perjodu ta' sentejn mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim għall-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Amministrattiva.

IR-RIKONNOXXIMENT TA' KWALIFIKI PROFESSJONALI

Lista prevista fl-Artikolu 16 tal-Ftehim Qafas

WERREJ

1	Sistema ġenerali, rikonoxximent tal-esperjenza professjonali u rikonoxximent awtomatiku....	2
2	Professjonijiet legali	7
3	Kummerċ u intermedjarji.....	10

INTRODUZZJONI

Meta l-atti legali msemmija f'dan l-Anness ikun fihom kunċetti jew jirreferu għal proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-UE, bħal:

- premessi;
- id-destinatarji tal-atti legali tal-UE;
- referenzi għal territorji jew lingwi tal-UE;

- referenzi għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE, l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom fir-rigward ta' xulxin; u
- referenzi għal informazzjoni u proċeduri ta' notifika;

il-Protokoll Qafas 1 dwar l-adattamenti orizzontali għandu japplika, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness.

ATTI MSEMMIJA

KAPITOLU 1

SISTEMA ĠENERALI, RIKONOXXIMENT TAL-ESPERJENZA PROFESSJONALI U RIKONOXXIMENT AWTOMATIKU

1. 32005 L 0036: Id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU L 255, 30.9.2005, p. 22), kif ikkkoreġuta bil-ĠU L 271, 16.10.2007, p. 18, kif ikkkoreġuta bil-ĠU L 93, 4.4.2008, p. 28, kif emendata bi:
 - 32006 L 0100: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141), kif ikkkoreġuta bi 32006L0100R(02) (ĠU L 177, 8.7.2015, p. 60),
 - 32011 R 0213: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 213/2011 tat-3 ta' Marzu 2011 (ĠU L 59, 4.3.2011, p. 4),

- 12012 J 003: L-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, adottat fid-9 ta' Diċembru 2011 (ĠU L 112, 24.4.2012, p. 21),
- 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368),
- 32013 L 0055: Id-Direttiva 2013/55/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 132),
- 32016 D 0790: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2016/790 tat-13 ta' Jannar 2016 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU L 134, 24.5.2016, p. 135),
- 32017 D 2113: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/2113 tal-11 ta' Settembru 2017 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU L 317, 1.12.2017, p. 119),
- 32019 D 0608: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/608 tas-16 ta' Jannar 2019 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU L 104, 15.4.2019, p. 1),
- 32020 D 0548: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2020/548 tat-23 ta' Jannar 2020 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE (notifikata bid-dokument C (2020) 229) (ĠU L 131, 24.4.2020, p. 1),
- 32021 D 2183: Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2021/2183 tal-25 ta' Awwissu 2021 li temenda l-Anness V tad-Direttiva 2005/36/KE (ĠU L 444, 10.12.2021, p. 16).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) L-Artikolu 9(e) ta' din id-Direttiva ma għandux japplika.

2. 32007 D 0172: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/172/KE tad-19 ta' Marzu 2007 għall-ħolqien ta' grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 79, 20.3.2007, p. 38).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

(a) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

(b) Il-modalitajiet għall-parteċipazzjoni ta' Andorra fil-grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali skont l-Artikolu 81(7) ta' dan il-Ftehim:

- (i) Andorra tista', f'konformità mal-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/172/KE, taħtar persuni biex jipparteċipaw bħala osservaturi fil-laqgħat tal-grupp ta' koordinaturi għar-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali,
- (ii) Il-Kummissjoni għandha, fi żmien debitu, tinforma lil dawn il-parteċipanti bid-dati tal-laqgħat tal-Grupp u tittrażmettilhom id-dokumentazzjoni rilevanti.

3. 32015 R 0983: Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/983 tal-24 ta' Ġunju 2015 dwar il-proċedura għall-ħruġ ta' Karta Professjonali Ewropea, u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' twissija skont id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 159, 25.6.2015, p. 27).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

4. 32018 L 0958: Id-Direttiva (UE) 2018/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar test tal-proporzjonalità qabel l-adozzjoni ta' regolamentazzjoni ġdida tal-professjonijiet (ĠU L 173, 9.7.2018, p. 25).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

5. 32019 R 0907: Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/907 tal-14 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi Test ta' Taħriġ Komuni għall-istrutturi tal-iski skont l-Artikolu 49b tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rikonoxximent tal-kwalifiki professjonali (ĠU L 145, 4.6.2019, p. 7).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

KAPITOLU 2

PROFESSJONIJIET LEGALI

1. 31977 L 0249: Id-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju effettiv tal-libertà biex jiġu pprovduti servizzi minn avukati (ĠU L 78, 26.3.1977, p. 17), kif emendata bi:
 - 1 79 H: L-Att li jikkonċerna l-Kundizzjonijiet tal-Adeżjoni u l-Aġġustamenti għat-Trattati – l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),
 - 1 85 I: L-Att li jikkonċerna l-Kundizzjonijiet tal-Adeżjoni u l-Aġġustamenti għat-Trattati – l-Adeżjoni tar-Renju ta' Spanja u tar-Repubblika Portugiża (ĠU L 302, 15.11.1985, p. 23),
 - 1 03 T: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),
 - 1 94 N: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja, u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21 kif emendat permezz tal-ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1),
 - 32006 L 0100: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141),

- 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
- (b) Dan li ġej għandu jiżdied mal-Artikolu 1(2):

“f' Andorra: ‘Advocat’”.

2. 31998 L 0005: Id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni (ĠU L 77, 14.3.1998, p. 36), kif emendata bi:

- 1 03 T: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),

- 32006 L 0100: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/100/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 141),
- 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.
- (b) Dan li ġej għandu jiddied mal-Artikolu 1(2)(a):

“f'Andorra: ‘Advocat’”.

KAPITOLU 3

KUMMERĊ U INTERMEDJARJI

1. 31974 L 0556: Id-Direttiva tal-Kunsill 74/556/KEE tal-4 ta' Ġunju 1974 li ttipprovdi dispożizzjonijiet dettaljati li jikkonċernaw miżuri transitorji rigward l-attivitajiet, kummerċ fil- u distribuzzjoni ta' prodotti tossiċi u attivitajiet li jintitolaw l-użu professjonali ta' prodotti bħal dawn inklużi attivitajiet ta' intermedjarji (ĠU L 307, 18.11.1974, p. 1).
2. 31974 L 0557: Id-Direttiva tal-Kunsill 74/557/KEE tal-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-akkwist tal-libertà ta' stabbiliment u l-libertà li jiġu pprovduti servizzi fir-rigward ta' attivitajiet ta' persuni li jaħdmu għal rashom u ta' intermedjarji involuti fil-kummerċ u d-distribuzzjoni ta' prodotti tossiċi (ĠU L 307, 18.11.1974, p. 5) kif emendata bi:
 - 1 03 T: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakkja u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea, adottat fis-16 ta' April 2003 (ĠU L 236, 23.9.2003, p. 33),
 - 1 94 N: L-Att li jikkonċerna l-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju tal-Iżvezja, u l-aġġustamenti lit-Trattati li fuqhom hija mwaqqfa l-Unjoni Ewropea (ĠU C 241, 29.8.1994, p. 21 kif emendat permezz tal-ĠU L 1, 1.1.1995, p. 1),
 - 32006 L 0101: Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/0101/KE tal-20 ta' Novembru 2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 238),

– 32013 L 0025: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/25/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 368).

3. 31986 L 0653: Id-Direttiva tal-Kunsill 86/653/KEE tat-18 ta' Diċembru 1986 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardaw aġenti kummerċjali li jaħdmu għal rashom (ĠU L 382, 31.12.1986, p. 17).

LIBERTÀ TAL-ISTABBILIMENT

Lista prevista fl-Artikolu 17 tal-Ftehim Qafas

INTRODUZZJONI

Meta l-atti legali msemija f'dan l-Anness ikun fihom kunċetti jew jirreferu għal proċeduri li huma speċifiċi għall-ordni legali tal-UE, bħal:

- premessi;
- id-destinatarji tal-atti legali tal-UE;
- referenzi għal territorji jew lingwi tal-UE;
- referenzi għad-drittijiet u l-obbligi tal-Istati Membri tal-UE, l-entitajiet pubbliċi, l-impriżi jew l-individwi tagħhom fir-rigward ta' xulxin; u
- referenzi għal informazzjoni u proċeduri ta' notifika;

il-Protokoll Qafas 1 dwar l-adattamenti orizzontali għandu japplika, sakemm ma jkunx previst mod ieħor f'dan l-Anness.

ADATTAMENTI SETTORJALI

L-adattamenti settorjali li ġejjin għandhom japplikaw għal Andorra fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeografika speċifika tagħha. Dan l-arranġament għandu jiġi rivedut kull 10 snin, u għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2037.

I

In-nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE jistgħu jirrisjedu f'Andorra biss ladarba jkunu kisbu permess ta' residenza mill-awtoritajiet ta' Andorra. Għandhom id-dritt illi jiksbu dan il-permess, soġġett biss għar-restrizzjonijiet speċifikati hawn taħt. L-ebda permess ta' residenza bħal dan ma għandu jkun meħtieġ għal perjodu ta' inqas minn 3 xhur, sakemm ma jkun hemm l-ebda impjieg jew attività ekonomika permanenti oħra, u lanqas għal persuni li jipprovdu servizzi transfruntiera f'Andorra.

Il-kundizzjonijiet li jikkonċernaw in-nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE ma jistgħux ikunu aktar restrittivi minn dawk li japplikaw għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi.

II

1. L-għadd ta' permessi ta' residenza ġodda għal soġġorni ta' aktar minn 12-il xahar (permessi ta' residenza fit-tul) disponibbli kull sena (sena N) għan-nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li huma involuti f'attività ekonomika f'Andorra jrid jiġi ddeterminat b'tali mod li ż-żieda netta annwali fl-għadd ta' dawn in-nazzjonali ekonomikament attivi li jirrisjedu f'Andorra ma tkunx inqas minn 7 % tal-għadd medju ta' permessi ta' residenza validi fil-5 snin preċedenti (is-snin N-5 sa N-1).

Jekk l-għadd ta' dawn in-nazzjonali ekonomikament attivi jkun naqas matul l-aħħar sena (is-sena N-1) meta mqabbel mas-sena ta' qabel (is-sena N-2), u jekk dan it-tnaqqis ikun akbar mill-għadd ta' permessi ta' residenza ġodda disponibbli skont is-sentenza preċedenti, l-għadd ta' permessi ta' residenza disponibbli (sena N) jenħtieġ li jkun ugwali għal dan it-tnaqqis. Permessi ta' residenza maħruġa lil persuni naturalizzati matul is-sena għandhom jitnaqqsu mill-bażi li fuqha tiġi kkalkulata ż-żieda għas-sena ta' wara. Permessi ta' residenza għal żmien twil maħruġa lil hinn min-numru minimu ma għandhomx jingħaddu maż-żieda dovuta s-sena ta' wara.

2. L-għadd ta' permessi ta' residenza ġodda għal soġġorni ta' aktar minn 3 xhur (permessi ta' residenza mingħajr attività ekonomika) disponibbli kull sena għan-nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li mhumex involuti f'attività ekonomika f'Andorra jrid jiġi ddeterminat b'tali mod li ż-żieda netta annwali fl-għadd ta' dawn in-nazzjonali ekonomikament inattivi li jirrisjedu f'Andorra ma tkunx inqas minn 2,5 % tal-għadd medju ta' permessi ta' residenza validi fil-5 snin preċedenti.

Jekk l-għadd ta' dawn in-nazzjonali ekonomikament inattivi jkun naqas matul l-aħħar sena meta mqabbel mas-sena ta' qabel, u jekk dan it-tnaqqis ikun akbar mill-għadd ta' permessi ta' residenza ġodda disponibbli skont is-sentenza preċedenti, l-għadd ta' permessi ta' residenza disponibbli jenħtieġ li jkun ugwali għal dan it-tnaqqis. Permessi ta' residenza maħruġa lil persuni naturalizzati matul is-sena għandhom jitnaqqsu mill-bażi li fuqha tiġi kkalkulata ż-żieda għas-sena ta' wara. Permessi ta' residenza maħruġa f'eċċess tan-numru minimu ma għandhomx jingħaddu maż-żieda dovuta s-sena ta' wara.

L-ebda kwota ma għandha tapplika għal nazzjonali ta' Stati Membri tal-UE li jixtiequ jidħlu f'residenza fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1)(c) tad-Direttiva.

3. L-awtoritajiet ta' Andorra għandhom jagħtu permessi ta' residenza għal perjodu ta' 12-il xahar jew inqas (permessi ta' residenza għal żmien qasir) lil nazzjonali ta' Stati Membri tal-UE li huma involuti f'attività ekonomika.

L-għadd ta' permessi ta' residenza ġodda għal żmien qasir disponibbli kull sena (sena N) għan-nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li huma involuti f'attività ekonomika f'Andorra jrid jiġi ddeterminat b'tali mod li ż-żieda netta annwali fl-għadd ta' dawn in-nazzjonali ekonomikament attivi li jirrijsjedu f'Andorra ma tkunx inqas minn 5 % tal-għadd medju ta' permessi ta' residenza disponibbli fil-5 snin preċedenti (is-snin N-5 sa N-1). In-numru ta' permessi ta' residenza disponibbli kull sena għandu jkun mill-inqas daqs in-numru ta' permessi ta' residenza disponibbli fis-sena ta' qabel.

4. Mal-iskadenza tal-permess ta' residenza tagħhom, il-persuni li jixtiequ jkomplu jirrijsjedu f'Andorra jistgħu jiksibu permess ta' residenza ġdid. Jekk il-permess il-ġdid huwa soġġett għal kwota taħt dan il-punt, il-permess il-ġdid għandu jitnaqqas min-numru ta' permessi ta' residenza disponibbli, ħlief fejn it-talba għal tiġdid tiġi ppreżentata fl-istess sena kalendarja li fiha jkun inħareġ il-permess ta' residenza inizjali u tikkonċerna permess ta' residenza tal-istess tip.
5. L-awtoritajiet ta' Andorra għandhom jagħtu permessi ta' residenza b'mod li ma jkunx diskriminatorju u li ma jfixkilx il-kompetizzjoni.

III

Il-membri tal-familja ta' nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li jirrisjedu legalment f'Andorra għandu jkollhom id-dritt li jiksbu permess ta' residenza tal-istess validità bħal dak tal-persuna li fuqha jiddependu. Huma għandu jkollhom id-dritt li jibdew attività ekonomika, f'liema każ ikunu inklużi fin-numru ta' permessi ta' residenza mogħtija lil persuni ekonomikament attivi skont il-punt II. Madankollu, il-kundizzjonijiet fil-punt II ma jistgħux jiġu invokati biex jiġu rrifjutati permess ta' residenza fil-każ li l-għadd annwali ta' permessi disponibbli għal persuni ekonomikament attivi jimtela.

IV

Id-dritt ta' residenza permanenti previst fil-Kapitolu IV tad-Direttiva 2004/38/KE għandu japplika għal: (1) nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li kienu jirrisjedu f'Andorra legalment u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2004/38 qabel l-1 ta' Jannar 2027; (2) nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li huma residenti f'Andorra abbażi ta' permess ta' residenza mogħti abbażi ta' dan l-adattament settorjali; (3) nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li jirrisjedu f'Andorra legalment u f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2004/38 li mhumix koperti mill-punti (1) u (2). Nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE li għandhom dritt għal residenza permanenti skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Direttiva 2004/38 ma għandhomx jibqgħu jingħaddu fl-għadd ta' permessi disponibbli.

V

L-applikanti għal permess ta' residenza għandhom jirċievu tveġiba bil-miktub sa tmiem it-tieni xahar mid-data tal-applikazzjoni. L-applikanti li ma jintgħażlux għandu jkollhom id-dritt għal rifjut motivat bil-miktub. Huma għandu jkollhom l-istess rimedji legali bħaċ-ċittadini ta' Andorra fir-rigward ta' deċiżjonijiet amministrattivi.

Id-dritt ta' residenza tan-nazzjonali tal-Istati Membri tal-UE għandu jkun evidenzjat bil-ħruġ ta' dokument ta' residenza li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2019/1157.

Id-dritt ta' residenza tal-membri tal-familja ta' nazzjonali ta' Stati Membri tal-UE li mhumiex nazzjonali ta' Stat Membru tal-UE għandu jkun evidenzjat bil-ħruġ ta' karta ta' residenza li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/1157.

VI

Andorra għandha tikkomunika lill-UE l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tivverifika l-konformità ma' dan l-adattament settorjali.

PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

L-Artikoli 32 sa 34 tal-Protokoll ta' Andorra għandhom japplikaw għal dan l-Anness kif xieraq, u sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'dan l-Anness.

ATTI MSEMMIJA

1. 31961 X 1202: Il-Programm Ġenerali għall-abolizzjoni tar-restrizzjonijiet fuq il-libertà tal-istabbiliment (verżjoni Franċiża: ĠU P 2, tal-15 ta' Jannar 1962, p. 36; Verżjoni Ingliża: ĠU Edizzjoni Speċjali bl-Ingliż, Serje II, Volum IX, p. 7).
2. 32006 L 0123: Id-Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 36).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Għandu japplika l-Artikolu 3 tal-Protokoll Qafas 1. Il-perjodu msemmi fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll Qafas 1 għandu jkun ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

Id-dispożizzjoni msemmija fl-Artikolu 3(5) tal-Protokoll Qafas 1 għandha tkun din li ġejja: Andorra ma għandhiex iżżomm jew tintroduċi trattament diskriminatorju tal-fornituri tas-servizzi tal-UE matul il-perjodu ta' 3 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim.

3. 32004 L 0038: Id-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77), kif ikkoreġuta bil-ĠU L 229, 29.6.2004, p. 35, il-ĠU L 30, 3.2.2005, p. 27, u l-ĠU L 197, 28.7.2005, p. 34.

Għall-finijiet tal-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom jinqraw bl-addattamenti li ġejjin:

- (a) Id-Direttiva għandha tapplika, kif xieraq, għall-oqsma koperti minn dan l-Anness.
- (b) Il-Ftehim japplika għan-nazzjonali tal-Partijiet Assoċjati. Madankollu, il-membri tal-familja tagħhom fis-sens tat-tifsira tad-Direttiva li għandhom ċittadinanza ta' pajjiż terz għandhom igawdu minn ċerti drittijiet skont id-Direttiva.
- (c) Il-kliem “ċittadin(i) tal-Unjoni” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “ċittadin(i) tal-Istati Membri tal-UE u Andorra”.
- (d) Dan li ġej għandu jżied mal-Artikolu 8(3) u (5) u l-Artikolu 10(2):
“awto-dikjarazzjoni dwar kwalunkwe kundanna kriminali preċedenti li tista' tidher fir-rekord kriminali f'konformità mal-liġi tal-Istat tal-kundanna”.
- (e) Fl-Artikolu 24(1) il-kelma “Trattat” għandha tiġi sostitwita bi “Ftehim” u l-kliem “liġi sekondarja” għandu jiġi sostitwit b’“liġi sekondarja inkorporata fil-Ftehim”.

4. 32019 R 1157: Ir-Regolament (UE) 2019/1157 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tal-karti tal-identità taċ-ċittadini tal-Unjoni u tad-dokumenti ta' residenza maħruġa liċ-ċittadini tal-Unjoni u lill-membri tal-familja tagħhom li jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' moviment liberu (ĠU L 188, 12.7.2019, p. 67).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jinqraw bl-adattamenti li ġejjin:

- (a) Il-kliem “ċittadin(i) tal-Unjoni” għandu jiġi sostitwit bil-kliem “ċittadin(i) tal-Istati Membri tal-UE u Andorra”.
- (b) Fl-Artikolu 3(4), fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra” ma għandux japplika.
- (c) Fl-Artikolu 5(1), fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “sat-3 ta' Awwissu 2031” għandu jiġi sostitwit b’“sal-1 ta' Jannar 2037”.
- (d) Fl-Artikolu 5(2), fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “sat-3 ta' Awwissu 2026” għandu jiġi sostitwit b’“sal-1 ta' Jannar 2032”.
- (e) Fl-Artikolu 6, il-punt h, fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “, stampat fin-negattiv f'rettangolu blu u mdawwar bi 12-il stilla safra” ma għandux japplika.
- (f) Fl-Artikolu 7(2), il-kliem “Membru tal-Familja UE”, fir-rigward tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, għandu jiġi sostitwit b’“Membru tal-Familja Andorra”.
- (g) Fl-Artikolu 8(1), fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “sat-3 ta' Awwissu 2026” għandu jiġi sostitwit b’“sal-1 ta' Jannar 2032”.
- (h) Fl-Artikolu 8(2), fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “sat-3 ta' Awwissu 2023” għandu jiġi sostitwit b’“sal-1 ta' Jannar 2029”.

- (i) Fl-Artikolu 10(2), fir-rigward ta' Andorra, il-kelma “fil-Karta” ma għandhiex tapplika.
 - (j) Fl-Artikolu 16, fir-rigward ta' Andorra, il-kliem “mit-2 ta' Awwissu 2021” għandu jiġi sostitwit b’“mill-1 ta' Jannar 2027”.
-

ANNEX IX – PROTOKOLL TA' ANDORRA

SERVIZZI FINANZJARJI

Lista prevista fl-Artikolu 24 tal-Ftehim Qafas

WERREJ

1	Assigurazzjoni	2
2	Banek u istituzzjonijiet ta' kreditu oħra	22
3	Borża u titoli	60
4	Dispożizzjonijiet għall-irtirar okkupazzjonali	124
5	Dispożizzjonijiet li japplikaw għat-tipi kollha ta' servizzi finanzjarji	125

KAPITOLU 1

ASSIGURAZZJONI

TAQSIMA A

ASSIGURAZZJONI MHUX TAL-~~H~~AJJA U TAL-~~H~~AJJA

1. 32009 L 0138: Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1), kif ikkkoreġuta bil-ĠU L 219, 25.7.2014, p. 66, kif emendata bi:
 - 32012 L 0023: Id-Direttiva 2012/23/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2012 (ĠU L 249, 14.9.2012, p. 1),
 - 32013 L 0058: Id-Direttiva 2013/58/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 (ĠU L 341, 18.12.2013, p. 1),
 - 32013 L 0023: Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/23/UE tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 362),

- 32014 L 0051: Id-Direttiva 2014/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 (ĠU L 153, 22.5.2014, p. 1),
 - 32018 L 0843: Id-Direttiva (UE) 2018/843 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 43),
